**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Seduta tad-Distrett tas-Sliema

Illum, 30 ta' April 2024

Każ Numru: 4723/2025

**IL-PULIZIJA**

**--vs--**

**Paul Borg**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0365870(M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Paul Borg imwieled fid-29 ta' Awwissu 1970, f'tas-Sliema, iben Louis Borg u Antonia nee' Mifsud, residenti 39, Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gzira, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0365870(M):

*"Akkuzat talli nhar il-21 ta' Frar, 2025 ghall-habta tad-09.17hrs gewwa t-Triq Sir Fredrick C. Ponsonby, Gzira:*

1. *Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b'mod iehor lil Miriam Ebejer. Art. 339(1)(e) Kap.9.*
2. *Volontarjament ksirt il'bon ordni jew il-paċi pubblika b' ghajjat u storbju. Art.338(dd) Kap.9.*
3. *Ingurjajt, jew heddidt, jew ghamilt offiża fuq CO 921 Miriam Ebejer, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel jew minhabba*

*'li kien qed taghmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżaghha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz. Art.95 Kap.9"*

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà' ta' CO 921 Miriam Ebejer jew għaż-żamma tal-ordni pubblika jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familjari tagħha, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat/a jew sabiex tipprovdi għas-sigurtà' tal-persuna/i offiża/i u familjari tagħhom skont l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti.

Qieset id-depożizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-proċediment.

Semgħet t-trattazzjoni tal-partijiet fejn id-difiża qajjmet l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*.

**Ikkunsidrat**

**Il-fatti fil-qosor**

Skont il-provi prodotti partikolarment mix-xhieda tal-Lesa Community Officer CO921 Miriam Ebejer, nhar il-21 ta' Frar 2025 filgħodu waqt li l-imsemmija CO921 Miriam Ebejer kienet qed tagħmel ronda tagħha fi Triq Sir Frederick C. Ponsonby, Gżira hija nnotat vettura li kienet ipparkjata f'kantuniera, għaldaqstant ħarġet avviż ta' kontravenzjoni dwar 'parking'. F'dan l-istadju l-imputat tfaċċa fil-bieb tad-dar tiegħu u hemmhekk kien hemm skambju ta' kliem u skont l-uffiċjal Ebejer l-imputat offenda u inġurja lill-imsemmija Ebejer. Kien hawnhekk li dwar l-imġieba tal-imputat CO921 Miriam Ebejer ħarġet avviż ta' kontravenzjoni ieħor, dwar dak li hija tiddeskrivi bħala 'failed to abide' jew 'hinder'.

Id-difiża ppreżentat żewġ avviżi ta' kontravenzjoni waqt il-kontroeżami tax-xhud CO921 Miriam Ebejer, u x-xhud ikkonfermat li dawn kienu l-avviżi maħruġa minnha. Minn eżami tad-dokumenti ppreżentati jirriżulta mhux kontestat li dawn il-kontravenzjonijiet tħallsu (folio 15 u 17).

Mid-dokument folio 17A tal-proċess, ossia l-avviżi ta' kontravenzjoni, jirriżulta li l-kontravenzjoni msemmija mill Community Officer hija "Failed to abide any order, indication or signal given or made by a Police or Community Officer".

Illi din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra l-eċċezzjoni mqajjma mid-difiża, ossia l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għar raġuni li jekk din l-eċċezzjoni tintlaqa, twassal għal estinzjoni ta' dawn il-proċeduri.

***Ne bis in idem***

Dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju tan-*ne bis in idem* din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fredrick Dalli** deċiża fit-23 ta' Frar 2024 fejn ingħad is-segwenti:

> *"Illi l-prinċipju tan-ne bis in idem jinsab imħaddan mhux biss fid-dritt penali tagħna u cioe' fil-Kodiċi Kriminali iżda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Illum bis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja dan il-prinċipju jinsab imħaddan ukoll fl-artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet fondamentali tal-Unjoni li jaqra:*
>
> ***"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi.***
>
> *Illi ukoll l-artikolu 54 tal-Konvenzjoni Schengen (14 June 1985 il-Konvenzjoni ghallImplimentazzjoni tal-Ftehim Schengen KIFS) jistipula:*
>
> ***"Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'Parti Kontraenti waħda ma tistax tiġi mixlija f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun fil-fatt fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."***
>
> *Illi jqum id-dibattitu li ta' sikwit isib ruħu f'ħoġor kemm il-qrati lokali kif ukoll dawk fuq livell ewropew dwar dak li għandu jikkostitwixxi l-"idem" u cioe' jekk huwiex il-process gudizzjarju mill-ġdid dwar l-istess 'reat jew reati' jew inkella dwar l-istess 'fatti' jew 'azzjonijiet'. Illi kemm fil-liġi penali tagħna kif ukoll fil-*

*jedd imhares mill-Kostituzzjoni tinsorgi din id-distinzjoni kif ukoll f'dak dikjarat fir-raba artikolu tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;*

***"Wara sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax <u>ghall-istess fatt</u> ikun soggett ghal kawza ohra."***

*Dana jippostula żewġ elementi importanti u cioe' fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi illiberat mill-akkużi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għal jedd imħares mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja li jitkellmu dwar "ir-reat"*

*Wieħed allura jistaqsi b'liema kejl ghandha tigi deċiża l-eccezzjoni ta ne bis in idem, hux jekk bil-fatt illi il-ġudikabbli ikun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew jekk ikunx ġie hekk ipprocessat dwar l-istess reati.*

*Issa l-qrati tagħna dejjem applikaw it-test biex wieħed jistabbilixxi jekk hix applikabbli l-eċċezzjoni ta' ne bis in idem, bħala dak ċċitat fid-deċiżjoni* ***"Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea"*** *[15.6.1918] u ċioe' fejn intqal li : "un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra .* ***"The true test by which the question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."***

*Illi s-sentenza tagħmel esposizzjoni tajba ta' dana il-prinċipju kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali hija dik mogħtija mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin.*

***"... Il-principju tan-ne bis in idem imhares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun ghaddiet minn process dwar reat, m'ghandha qatt terga' tghaddi minn process iehor dwar tali reat jew dwar reati ohra li setghet***

***tinstab hatja dwarhom fl-ewwel process. .... Illi dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jaghti harsien usa lil-persuna mixlija minn dak moghti millartikolu 527 tal-Kodici Kriminali, sewwasew ghaliex jgholli l-eccezzjoni tan-ne bis in idem ghall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali ghandha l-jedd tirrikorri ghall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali."***

*Kif mistqarr mill-kompjant Imhallef William Harding għar-rigward tat-tħaddim tar-regola ne bis in idem: "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."*

*Illi il-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni fl-ismijiet Sergey Zolotukhin vs Russja moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:*

***"takes the view that Article 4 of Protocol No. 7 must be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second 'offence' in so far as it arises from identical facts or facts which are substantially the same. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata. At this juncture, the available material will necessarily comprise the decision by which the first 'penal procedure' was concluded and the list of charges leveled against the applicant in the new proceedings. Normally, these documents would contain a statement of facts concerning both the offence for which the applicant has already been tried and the offence for which he or she stands accused. In the Court's view, such statements of fact are an important starting point for its determination of the issue whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same. The Court emphasises that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction***

***or acquittal. <u>The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings"</u>.***"

Issir referenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Rosaria Portelli** ċitata fin-Lecture Notes tal-Professur Sir Anthony Mamo fejn jittratta l-prinċipju ta' *ne bis in idem*:

> *"In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgment is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations."*

Il-Professur Sir Anthony Mamo, filwaqt li jikkonferma li wieħed irid iħares lejn il-fatt, jgħid li ma tagħmilx differenza jekk l-imputat ikunx ġie pproċessat dwar xi waħda jew aktar vjolazzjonijiet tal-Liġijiet penali, jew jekk l-imputat ikunx ġie proċessat dwar xi reat anqas gravi minn dak li jkun qed jiġi proċessat dwaru t-tieni darba.

Din il-pożizzjoni ġiet affermata fil-kawża **Camilleri vs Cilia** deċiża mill-Imħallef Harding fit-2 ta' Diċembru, 1939, u ċitata min din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Lawrence Quintano fis-17 ta' Ottubru, 2008 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri**:

> *"... huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li meta mill-istess fatt, mibni fuq l-istess intenzjoni, jinkisru żewġ drittijiet jew aktar, m'hemmx pluralita' ta' offiżi iżda offiża waħda bil-vjolazzjoni li jkunu iżgħar jkunu assorbiti fil-vjolazzjoni l-aktar serja. U jekk persuna tkun iġġudikata għal waħda mill-vjolazzjonijiet u jkun meħlus jew jinsab ħati, is-sentenza iżżomm kull prosekuzzjoni ġdida li tista' ssir għal kull vjolazzjoni oħra, ukoll jekk il-vjolazzjoni li jkun tressaq fuqha l-ewwel darba tkun l-anqas waħda serja."*

Applikati dawn l-insenjamenti għall-każ odjern, jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-persuna msemmija fil-kontravenzjonijiet maħruġa minn CO921 Miriam Ebejer huwa l-imputat f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta ukoll ippruvat li l-imputat ġie proċessat dwar il-fatti kif deskritti hawn fuq meta CO921 Miriam Ebejer ħarġet it-tieni avviż ta' kontravenzjoni, liema avviż jirriżulta ukoll li wassal għal ħlas dovut skont l-imsemmi avviż. L-imputat sussegwentement safa akkużat f'dawn il-proċeduri bit-tlett imputazzjonijiet odjerni propju

dwar l-aġir tiegħu wara li kien inħariġlu l-ewwel avviż ta' kontravenzjoni. Kien propju minħabba dan l-aġir li CO921 Miriam Ebejer ħarġet it-tieni avviż ta' kontravenzjoni, u dan wara r-reazzjoni xejn feliċi, kif jiddeskrivi l-avukat difensur stess, tal-imputat.

L-abbli avukat difensur jargumenta li fl-istadju meta l-imputat ħallas it-tieni kontravenzjoni, din wasslet għal konklużjoni tal-proċess dwar l-aġir tal-imputat fil-konfront ta' CO921 Miriam Ebejer. Li qed jingħad hu li mal-ħlas, il-proċedura ġiet konkluża finalment, u dan wassal għal sitwazzjoni simili ħafna jekk mhux għal *res judikata*. Din il-Qorti tqis il-ħlas bħala ammissjoni tal-kontravenzjonijiet, peress li l-imputat kellu d-dritt u l-fakultà li jikkontesta l-avviżi bi proċedura quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja, b'appell finali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

F'dawn il-proċeduri l-imputat rega' ġie akkużat bl-istess fatti li dwarhom kien diġa ġie proċessat, u ħallas il-penali abbinata ma tali ksur. Il-prinċipju invokat mid-diviża, tan-*ne bis in idem*, jistabbilixxi li l-imputat ma jerġax jiġi proċessat dwar l-istess fatti.

Kwistjoni li jistħoqqilha tiġi mistħarrġa mil-Qorti, qabel tgħaddi biex tilqa din l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*, hija dwar in-natura tal-ksur u tal-penali mħallsa. Din hija kwistjoni li tinqala ta' spiss meta titqajjem din l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem*, ċioé id-determinazzjoni li l-proċess – l-avviż ta' kontravenzjoni – imħallsa mill-imputat jikkostitwux proċeduri kriminali u mhux sempliċement penali amministrattiva.

Mill qari tal-Kapitolu 291, partikolarment l-Iskeda tal-imsemmi Kapitolu tal-Liġi, din il-Qorti m'għandiex dubbju li r-reati hemmhekk imsemmija huma ta' natura Kriminali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* u konsegwentement qiegħda tiddikjara dan il-proċediment bħala estint.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**